MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Talba Numru. 803/2007

**Talba Nru: 803/07 PBC**

**Casapinta Design Group Limited C-9216**

**-vs-**

**Probe Technologies Limited C-30550**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li s-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' disa' mija u tnejn u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€972.37) - (Lm417.44c) rapprezentanti prezz ghas-servizzi rezi lis-socjetà konvenuta fuq struzzjonijiet tal-istess socjetà konvenuta in konnessjoni ma *Information Technology and Telecommunications Fair* u dan skond *invoice* numru

9530. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment ma din il-kawza u bl-imghax legali dekorribbli mill-21 t'Ottubru, 2005, cioè data tal-fattura relattiva, kontra s-socjetà konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjetà konvenuta li wiegbet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà attrici u dan stante tpacija skond il-ligi fis-somma kapitali pretiza mis-socjetà konvenuta li fic-cirkostanzi, tinstab kreditrici tas-socjetà attrici u qed tinqeda bil-prezenti procedura sabiex tintavola kontro-talba.

Ra l-kontro-talba prezentata mis-socjetà konvenuta li permezz taghha talbet li s-socjetà attrici tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin Euro u dsatax-il centezmu (€658.19) - (Lm282.56c) oltre l-ispejjez u bl-imghax billi ppremettit illi s-socjetà konvenuta nkonvenjenti qed titlob l-imsemmija somma bhala danni prelikwidati sofferti mis-socjetà esponenti wara li l-*stand*, it-tapit u *distribution box* mibjughin lilha skond Dok A anness mar-risposta, depozitati ghand is-socjetà attrici rikonvenuta wara l-IT & T Fair tal-2005 gew mormija mill-istess socjetà attrici rikonvenuta nonostante l-obbligu taghha li zzomm l-istess ghandha. Bl-ispejjez ta' din l-istanza u bl-imghax skond il-ligi.

Ra l-verbal tas-socjetà attrici li biha kkontestat il-kontro-talba u n-nota ulterjuri pprezentata fis-7 ta' Jannar, 2008 li biha wiegbet li t-talbiet tas- socjetà konvenuta in via rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha. Illi mhux minnu illi l-*stand* in kwistjoni gie mormi kif allegat tant illi ghadu fil-pussess tas-socjetà attrici kif ser jigi provat. Illi l-*stand* in kwistjoni dejjem inzamm ghand is-socjetà attrici bi ftehim bejn il-partijiet. Kienet is-socjetà attrici li qatt ma talbet li tiehu l-istess *stand* lura.

Sema' x-xhieda ta' Damian Casapinta, Etienne Cini u Stefan Casha.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Carlo Bisazza ghas-socjetà attrici u Dr Luigi Sansone ghas-socjetà konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjetà konvenuta nkarigat lis-socjetà attrici sabiex taghmel *stand* li l-istess socjetà konvenuta riedet tuza ghall-*Information Technology & Telecommunications Fair* tas-sena 2005. Il-prezz ta' dan l-*stand* huwa t'erbat elef u wiehed u tmenin Euro sitta u sebghin centezmu (€4,081.76) - (Lm1,752.30c) u m'huwiex kontestat bejn il-partijiet li fuq dan l-ammont ghad fadal bilanc ta' disa' mija u tnejn u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€972.37) - (Lm417.44c). Mill-provi jirrizulta car illi l-ammont mitlub mis-socjetà attrici ghadu dovut u ghalhekk it-talba tas-socjetà attrici tisthoqq li tigi milqugha.

Is-socjetà konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha ssostni illi ghandha topera t-tpacija izda t-Tribunal jirrileva illi t-tpacija ma toperax awtomatikament meta l-ammont mitlub minnha huwa kontestat u konsegwentement l-eccezzjoni hekk sollevata mis-socjetà konvenuta qieghda tigi michuda.
Ghar-rigward tal-kontro-talba tas-socjetà konvenuta, din qieghda ssostni illi s-socjetà attrici hija responsabbli ghad-danni ammontanti sitt mija u tmienja u hamsin Euro hames centezmu (€658.05) - (Lm282.50c) rapprezentanti danni prelikwidati minhabba li l-*stand* in kwistjoni ma giex moghti lilha anzi li gie distrutt. Mill-provi jirrizulta illi attwalment dan l-*stand* ghadu ezistenti u jista' jigi liberament konsenjat, ossia mehud, mill-istess socjetà konvenuta. Konsegwentement in vista ta' din ir-rizultanza tirrizulta totalment mankanti l-premessa tas-socjetà konvenuta li ppremettiet illi tali *stand* gie mormi. L-*stand* ghadu jezisti, l-*stand* huwa taghha u konsegwentement hija qieghda fil-liberta kollha sabiex tirtira dan l-*stand* minghand is-socjetà attrici.

B'dana kollu, jidher car illi l-veru kwistjoni hija illi s-socjetà konvenuta qieghda ssostni illi meta hija kellha bzonn dan l-*stand* ghall-fiera tas-sena 2007, Stefan Casha minnha nkarigat, cempel lil Damian Casapinta ghas- socjetà attrici u talab dan l-*stand*. Stefan Casha jsostni illi waqt din it-telefonata Damian Casapinta nformah li l-*stand* kien gie mormi. Damian Casapinta da parti tieghu cahad li dan l-*stand* gie mormi u addirittura kkonferma li dan l-*stand* ghadu jezisti u gew anke esebiti ritratti ta' dan l-*stand*. Huwa evidenti li hemm konflitt serju bejn dak li qed ighidu dawn iz-zewg persuni.

It-Tribunal m'ghandux dubju illi Casha seta' possibilment fehem illi dan l-*stand* kien gie mormi però attwalment mill-parti l-ohra dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju ta' xejn illi Casapinta ma riedx jirrilaxxa dan l-*stand* qabel ma jithallas il-bilanc mitlub f'din il-kawza. Jidher car illi din il-konverzazzjoni telefonika kienet daqsxejn movimentata fis-sens illi parti wahda bdiet tinsisti ghall-*stand* u parti l-ohra bdiet tinsisti ghall-flus.

Il-konvenut Cini sostna illi huwa kien ta' struzzjonijiet lil Casha sabiex ihallas l-ammont mitlub mill-attur u ighid li kien anke pprepara cheque preventivament. It-Tribunal ma tantx isib din id-dikjarazzjoni kredibbli tant illi meta Casha cempel lil Casapinta, huwa cempel biss sabiex jigbor l-*stand* u kien biss Casapinta li nformah li kien hemm bilanc dovut u hekk f'dak il-mument Casha talab lil Casapinta jghidlu kemm l-bilanc. Dan jikkontrasta ma' dak li qal Cini li jghid illi huwa kien anke lesta c-cheque u tah lil Casha preventivament.

It-Tribunal jemmen illi fil-fatt dan ic-cheque ma kien gie ppreparat xejn. Wara kollox ma kien hemm xejn xi jzomm lis-socjetà konvenuta sabiex taqbad u thallas dan l-ammont. L-ammont kien u ghadu dovut u anke jekk is-socjetà konvenuta kellha xi pretenzjonijiet kontra s-socjetà attrici, hija certament ma kellhiex dritt izzomm lura l-pagament.

Inoltre, fattur li dan it-Tribunal isib fatali ghall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta huwa l-fatt illi anke jekk wiehed

kellu, ghall-grazzja tal-argument, isib illi Casha seta' fehem li Casapinta nformah li l-*stand* kien gie mormi, fl-atti ma giet prodotta l-ebda ittra ufficjali jew ittra legali li permezz taghha s-socjetà interpellat lis-socjetà attrici sabiex tirritorna l-*stand* jew li tpoggiha *in mora.* Kien biss fil-kontro-talba li saret din it-talba u minnufih is-socjetà attrici wiegbet illi dan l-*stand* ghadu jezisti u jkun jista' jittiehed lura mis-socjetà konvenuta hekk kif it-talba attrici tigi mhallsa.

It-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mill-posizzjoni mehuda mis-socjetà attrici f'dan ir-rigward u konsegwentement il-kontro-talba proposta mis- socjetà konvenuta sejra tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjetà konvenuta u jichad ukoll il-kontro-talba minnha sollevata, jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€972.37) - (Lm417.44c) bl-interessi mid-data ta' notifika tal-Avviz sad-data ta' pagament effettiv u bl-ispejjez kemm tat-talba u kif ukoll tal-kontro-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------